# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 542/2016**

Il-Pulizija

vs

**Stanley Grixti**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 10516(A)

Illum, 10 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Stanley Grixti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fix-xahar ta' Lulju, 2016, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Annabelle Grixti u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulat bil-kuntratt, bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is- somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta' Novembru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u ikkundantu ghal xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellantipprezentat fil-21 ta' Novembru, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonferma l-parti tal-htija, thassar u tirrevoka il-parti tas-sentenza fejn ikkundanatu ghal-xahar prigunerija u taghti piena aktar moderata u idonea ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-fatt li bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-piena kienet harxa wisq *tenendo conto* tal-fatti tal-kaz odjern.

Illi huwa minnu li l-appellant naqas milli jghaddilha l-manteniment izda l-*parte civile* stess taf li bil-kemm ghandu mezzi finanzjarji sabiex imantni lilu nnifsu.

Illi *inoltre* l-appellant ghamel minn kollox biex jintlahaq ftehim fir-rigward ta' dawn l-arretrati ta' manteniment. Ghaldaqstant l-appellant qieghed jaghmel minn kollox biex jirrettifika is-sitwazzjoni li jinsab fiha bhalissa.

Illi ghalhekk detenzjoni f'dan il-kaz, mhux ha ssolvi l-problema fir-rigward tal-manteniment arretrat *stante* li l-appellant ser jispicca jitlef ix-xoghol u ghaldaqstant jitlef wkoll dak il-ftit introjtu li huwa ghandu.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-umli fehma tal-appellant, il-piena kienet wahda eccessiva u mhux idoneja tenut kont tal-fatt illi l-appellant ma riedx jahrab mill-obbligi tieghu imma mhuwiex f'pozizzjoni li jhallas il-manteniment imsemmi.

**Punti Legali**

Illi ssir referenza ghas-sentenza deciza mill-Appell Kriminali fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs. Publius Said' nhar id-9 ta' Lulju, 2003** u f'diversi sentenzi sussegwenti, fejn din il-Qorti tenniet is-segwenti:

*'l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skruplozament.'*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs. Anthony Azzopardi' nhar is-26 ta' Settembru, 2011**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali gie deciz li in vista ta' dak deciz fis-sentenza il-'Pulizija vs. Publius Said', 'konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena' u dik il-Qorti rriformat is-sentenza appellata, rrevokata in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahar prigunerija, u minflok kkundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezrnu (€58.23), liema somma tigi kkonvertita f'hamest ijiem detenzjoni jekk ma tithallasx minnufih.'

Illi anki fis-sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs. Mario Gafa', deciz fl-1 ta' Novembru, 2010 (Appell Kriminali Numru 259/2010)** fejn l-imputat kien akkuzat talli ma hallasx il-manteniment ghax-xhur ta' Awwissu, 2009, Settembru, 2009, Ottubru, 2009 u Novembru, 2009, l-ewwel Qorti kienet ikkundannatu xahar prigunerija sospizi ghal sena ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnatu sabiex ihallas is-somma ta' elfejn u tmienja u erbghin euro (€2,048).

Illi nonostante dan, rigward il-piena fuq msemmija fis-sentenza citata, l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irriformat is-sentenza appellata, irrevokata in kwantu kkundannat lill-imputat Mario Gafa xahar prigunerija sospizi ghal sena ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnat li jhallas is-somma ta' elfejn u tmienja u erbghin euro (€2,048) fi zmien tlett (3) xhur ai termini ta' 1-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minflok a tenur ta' l-artikolu 15 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, twiddbu biex ma jergax u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.'

Simili tal-kaz su citat hija l-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs. Joseph Brincat' deciz mill-Qorti**

**ta' l-Appell Kriminali fil-21 ta' Mejju 2013**, fejn l-imputat kien akkuzat talli ma' hallasx il-manteniment ghax-xhur ta' Gunju 2011 u Lulju 2011, f'dan il-kaz, l-ewwel Qorti kienet ikkundannatu ghal xahar prigunerija sospiz ghal sena ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 u ordnat lill-imputat sabiex ihallas is-somma ta' erba mitt euro (€400) fi zmien xahar ai termini tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijlet ta' Malta.

Illi din l-Onorabbli Qorti kienet laqghet l-aggravju tal-appellant dwar il-piena u bidlet u rrevokat il-piena ta' 'xahar prigunerija sospiza ghal sena u minflok qed tikkundannah ihallas amenda ta' €58.'

Barra minn hekk, referenza ghandha issir ghas-sentenza **'Il-Pulizija vs. Jonathan Attard' datata 26 ta' Mejju, 2016,** fejn il-Qorti tghid illi *"ghalkemm l-Ewwel Qorti gustament ghaddiet sabiex tinfliggi piena karcerarja, madanakollu minhabba illi l-appellanti qieghed ihallas dak dovut minnu huwa bil-wisq evidenti illi jekk l-appellanti jispicca inkarcerat, u ghalhekk minghajr introjtu, l-parti leza ser tigi ipprivata milli tircevi l-manteniment lilha dovut u ghalhekk is-sanzjonijiet tal-ligi ma ikunux qed jilhqu l-effett mixtieq. Ghalhekk indubbjament f'dan il-kaz hemm lok ghal temperament fil-piena."*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-10 ta' Marzu, 2017 il-parte civile nfurmat lill-Qorti li l-appellant hallas dak kollu dovut u ma ghandhix aktar interess f'dan l-appell.

Ghaldaqstant, tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu. Tilqa l-appell ta' Stanley Grixti dwar il-piena. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn l-appellant gie kkundannat ghal piena ta'

xahar prigunerija u minflok tilliberah taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.